MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2009

Numru. 462/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Johann J. Fenech**

**vs**

**Romina Deguara**

Il-Qorti:

Rat li l-imputata Romina Deguara ta' 31 sena bint Joseph Grima u Lilian nee' Attard, imwielda fit-30 ta' Settembru 1973, Vittoriosa u residenti 'Abalone', Triq l-Ghannejja, B' Buga u detentrici tal-karta tal-identita' numru 535473(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Fil-25 ta’ Marzu 2005 ghall-habta tas-13.45hrs fi Triq l-Ghannejja, B’Buga :

1. Volontarjament ikkagunat hsara fuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni BAR 293 ta’ l-ghamla Skoda liema hsara tammonta ghal Lm188.80c u dan ghad-dannu ta’ Raymond Silio minn Rahal Gdid;

2. Fl-istess data, lok u hin, minghajr ma darab jew sawwat, hedded b’ injama jew waddab l-istess injama fid-direzzjoni ta’ l-istess Raymond Silio;

3. Fl-istess data, lok u hin insulenta u heddidt bi kliem lill-istess Raymond Silio u lil Marica Stride mill-Fgura, u

4. Fl-istess data, lok u hin kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b’ ghajjat, storbju jew mod iehor.

Il-Qorti kienet mitluba li barra li tapplika l-piena stabbilita ghal dan ir-reat, tapplika l-provvedimenti ta’ l-artiklu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta’ ta’ Raymond Silio u Marica Stride.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 25 ta’ Mejju 2005 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tat-2 ta’ Novembru 2005 iddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li nqala’ fil-25 ta’ Marzu 2005 fit-Triq l-Ghannejja Birzebbugia bejn l-imputata u certu Marica Stride u Raymond Silvio dwar xi basktijiet tal-garbage li l-imputata kienet harget barra u li kienu quddiem il-bieb tal-propjeta’ ta’ Stride. L-imputata qed tigi akkuzata li waqt l-incident hija kkagunat hsara volontarja fuq il-vettura propjeta’ ta’ Raymond Silvio kif ukoll illi wadbet injama fid-direzzjoni ta’ Raymond Silvio, li nsulentat u heddet bi kliem lil Marica Stride u lil Raymond Silvio u li kisret il-buon ordni u paci pubblika b’ghajjat u glied.

Il-Qorti hija rinfaccjata b’zewg verzjonijiet kunfliggenti dwar kif sehh l-incident. Silvio u Stride qed jghidu li dakinhar tal-incident marru fid-dar propjeta’ ta’ omm Stride f’Birzebbugia fejn kienu sejrin joqghodu u fejn kellha tigi konsenjata xi ghamara u sabu basktijiet bil-garbage wara l-bieb taghhom u Silvio jghid li huwa rrabja u tefa’ l-basktijiet taht il-bankina. Dejjem skond Silvio u Stride l-imputata harget fil-gallarija tad-dar taghha u bdiet tghid li z-zibel kien taghha u li ma riditx tnehhih minn hemm, hija kienet irrabjata u wadbet bott mill-gallarija ghal isfel u mbaghad nizlet b’injama f’idejha u bdiet taghti kemm tiflah bl-injama fuq il-vettura ta’ Stride u Silvio.  Silvio jghid li huwa ma pruvax iwaqqaf lill-imputata izda prova ikellimha u jghid ukoll li Stride dak il-hin kienet fil-karozza. Min-naha l-ohra l-imputata kemm meta irrilaxxjat l-istqarrija esebita a fol. 14 u 15 tal-process kif ukoll meta tat id-deposizzjoni taghha f’dawn il-proceduri fl-udjenza tat-3 ta’ Ottubru 2008 qalet li Stride u Silvio bdew jistednuha ghal glied u spjegat li Silvio hatfilha idha u Stride tatha daqqa ta’ sieq u hija bdiet tisserra ma Silvio sabiex jiltaqa’ u kien hemm injama mal-art li hija gabret u bdiet tipprova tolqot lil Silvio biha sabiex huwa jitlaqha. Hija izda cahdet li kienet laqtet il-karozza ta’ Silvio u Stride bl-injama jew li kienet heddet jew insulentat lil dawn it-tnejn min-nies.

F’dawn il-proceduri gew esebiti kopji ta’ zewg sentenzi li nghataw fil-konfronti ta’ Marica Stride u Raymond Silvio (inseiriti a fol. 55 et sequitur tal-process) minn fejn jirrizulta li Stride instabet hatja ta ksur ta’ buon ordni u paci pubblika u li nsulentat bi kliem lill-imputata odjerna

Romina Deguara filwaqt li Raymond Silvio instab hati ta' ksur ta' buon ordni u paci pubblika, li kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Romina Deguara u talli xehet jew firex zibel fi triq pubblika.

Wara li ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti mill-partijiet f'dan il-kaz il-Qorti hija aktar propensa li temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputata u jidrilha li l-istess imputata agixxiet sabiex tiddefendi lilha nnifisha wara li giet attakkata minn Raymond Silvio li kif intqal aktar 'il fuq gie misjub hati li fl-incident de quo kkgunalha griehi ta' natura hafifa. Irid jigi rilevat li meta Silvio xehed f'dawn il-proceduri huwa ma semmiex li kien hebb ghall-imputata jew li kien ikkagunalha xi griehi.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputata ma gewx pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u dan stante li hemm kunflitt ta' provi dwar dak li effettivament gara u kif intqal aktar 'il fuq il-Qorti hija aktar propensa li temmen il-verjzoni tal-fatti moghtija mill-imputata dwar kif sehhew l-affarijiet.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------